MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) KOMPETENZA SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta ta' l-10 ta' Gunju, 2003

Citazzjoni Numru. 109/2002

Michael Paul Lanzon ;
Joseph Vella .

vs

Il-Kummissarju tal-Pulizija,

Ir-Registratur tal-Qrati,

L-avukat Generali tar-Repubblika, u

B'degriet tal-4 ta' Gunju, 2003 gew permessi li jintervjenu *in statu et terminis* f'din il-kawza, Pawla Sultana f'isimha proprju u ghan-nom ta' huha msiefer Francis Muscat; Francesco Cassar; Mary mart Victor Ellul; John Mangion; Gloria Vella; Doris Vassallo; Rev. Dun Manwel Curmi bhala Rettur ghan-nom u in rapprezentanza tad-Dar ta' San Guzepp f'Ghajnsielem, Ghawdex; u Reverendu Dun Karm Curmi bhala Segretarju Amministrattiv ghan-nom u in rappreaentanza tal-Kurja Veskovili ta' Ghawdex;

Charlie Sultana u Joseph Sultana bhala tnejn mill-eredi tal-mejta Carmela armla ta' Agostino Cassar .

Il-Qorti ,

Rat ic-citazzjoni li permezz taghha l-atturi, wara li ppremettew :

Illi fil-11 ta' Settembru 1993 l-atturi, allura minorenni, kienu sabu f'razzett mwaqqa' u miftuh ghall-pubbliku fil-kontrada maghrufa bhala 'Tal-Belliegh" limiti tar-Rabat xkora li kien fiha Lm6730 u haduha flimkien mal-genituri taghhom l-Ghassa tal-Pulizija tar-Rabat ;

Illi l-ispettur tal-Pulizija tar-Rabat hass illi kellu igib il-kaz ta' dawn il-flus a konjizzjoni tal-Magistrat Inkwirenti billi ssuspetta li dawn setghu kienu rifurtiva ;

Illi waqt l-inkjesta Magisterjali l-flus gew konsenjati lir-Registratur tal-Qrati ta' Ghawdex u fejn ghadhom sal-lum anqas biss ma gew depozitati f'Bank, bil-konsegwenza li jekk jinbidlu l-flus mill-Gvern il-flus depozitati jsiru ma jiswew xejn ;

Illi l-Magistrat Inkwirenti bil-Process Verbal tat-13 ta' Ottubru 1995 (Dok. B) kkonkluda illi mill-provi migjuba ma setgha jikkonkludi xejn hlief illi dawn il-flus instabu mill-atturi f'razzett abbandunat li mxew korrettement meta rrapportaw lill-genituri taghhom li da parti taghhom korrettement irrappurtaw lill-Pulizija ;

Illi l-Artikolu 564 tal-Kodici Civili li jitlob li min isib xi haga ghandu jikkonsenja lill-Pulizija, jirrikjedi wkoll li l-Kummissarju tal-Pulizija igib avviz darbtejn fil-Gazzetta tal-Gvern lista tal-oggetti kollha li jkunu instabu u migjuba ghand il-Pulizija minn min ikun sabghom u jghid li jekk wara tlett xhur mit-tieni avviz is-sid ma jkunx deher biex jitlob il-haga misjuba din ghandu dritt ghaliha min ikun sabha ;

Illi ghalhekk l-atturi, li sabu l-flus, ghandhom interess illi l-Kummissarju tal-Pulizija jirtira l-flus konsenjati lir-

Registratur u johrog iz-zewg avvizi li jikkontempla l-artikolu fuq imsemmi 564 tal-Kodici Civili billi jekk fi zmien tlett xhur mill-ahhar avviz hadd ma jigi ghalihom dawna jkunu jmissu lilhom u jkollhom id-dritt li jihduhom huma ;

Illi l-atturi interpellaw inutilment lill-Kummissarju tal-Pulizija biex jirtira l-flus minghand ir-Registratur tal-Qrati u johrog l-avvizi skond il-ligi b'zewg ittri ufficjali wahda tat-18 ta' Awissu, 1995 u l-ohra tat-18 ta' Marzu 2002 u ghamlu zewg rikorsi lill-Magistrat Inkwirenti ghall-istess skop li d-darbtejn astiena ruhhu milli jiehu konjizzjoni tat-talba taghhom kif jigi pruvat fil-kors tal-kawza;

Illi l-Kummissarju tal-Pulizija huwa obbligat bil-ligi (artikoli 669 et seq tal-Kodici Kriminali u artikolu 564 tal-Kodici Civili) li jiehu f'idejh il-flus depozitati ghand ir-Registratur u dana anki bhala depozitarju fl-ewwel lok u fin-nuqqas jista' jkun responsabbli ghad-danni ;

Talbu lill-konvenuti jew min minnhom jghidu ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. tawtorizza u tordna lill-Kummissarju tal-Pulizija li jirtira l-flus depozitati ghand ir-Registratur tal-Qorti ammontanti ghal LM6730 li kienu gew depozitati ghandu fil-kors tal-Inkjesta Magisterjali 'Dwar is-sejba ta' somma ta' flus li jammontaw ghal Lm6730 f'razzett abbandonat fi Triq Belliegh, Victoria ;

2. tordna lill-istess Kummissarju li wara li jiddeposita dawn il-flus f'Bank johrog l-avvizi kontemplati bl-artikolu 564 tal-Kodici Civili sabiex jekk is-sid tal-flus ma jigix ghalihom fiz-zmien tlett xhur jaghti l-istess flus lill-atturi bhala dawk li jkollhom id-dritt ghalihom.

Bl-ispejjez inkluzi dawk taz-zewg ittri ufficjali tat-18 ta' Awissu 1995 u tat-18 ta' Frar, 2002 u l-VAT u bl-ingunzjoni tal-konvenuti ghas-subizzjoni .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-atturi mahlufa minn Michael Paul Lanzon .

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuti Kummissarju tal-Pulizija u l-Avukat Generali tar-Repubblika, li permezz taghha eccepew :

Illi fl-ewwel lok, in kwantu ghall-konvenut Kummissarju tal-Pulizija huwa qed jigi mharrek inutilment stante illi l-ilqugh u rilaxx eventwali ta’ oggetti ta’ valur misjuba minn terzi taghmel parti mill-funzjonijiet tieghu u huwa m’ghandux bzonn jigi kostrett biex iwettaq tali funzjoni .

Illi l-fatt li huwa m’agixxiex qabel fil-konfronti ta’ l-atturi huwa dovut ghall-fatt li - kif tajjeb jissenjalaw l-atturi stess - l-imsemmija flus kienu suspettati li jistghu jiffurmaw parti minn refurtiva u ghalhekk kellha ssir inkjesta magisterjali, f’liema punt il-pussess tal-flus imsemmija ghadda f’idejn l-awtorita’ tal-Qorti .

Illi fil-fatt huwa m’ghandu ebda oggezzjoni illi jzomm ghandu l-flus misjuba u jwettaq il-formalitajiet mehtiega sabiex dawn jispiccaw ghand min ikun haqqu .

Illi sa fejn ghandhom x’jaqsmu l-flus in kwistjoni, huwa dejjem agixxa fil-qadi ta’ dmirijietu w bil-kura necessarja, u ghaldaqstant ghadda l-pussess tal-flus lir-Registratur tal-Qrati sabiex tkun tista’ tipprocedi l-inkjesta mehtiega mill-ligi; ghaldaqstant, huwa ma ghandu jwiegeb ghal ebda talba ghad-danni .

Illi ebda wiehed mill-eccipjenti m’ghandu jbati spejjez .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta’ l-istess konvenuti mahlufa mill-Kummissarju tal-Pulizija John Rizzo .
Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut Registratur tal-Qrati li biha eccepixxa :

Illi filwaqt li m’hemm l-ebda pretensjoni diretta kontra l-esponenti, l-istess esponenti jirrimetti ruhu ghall-gudizzju ta’ din l-Onorabbli Qorti u m’ghandux ibati spejjez .

Salvi eccezzjonijiet ohra .

Rat id-dikjarazjoni tal-fatti ta' l-istess konvenut mahlufa minn Charles Micallef, Registratur tal-Qrati .

Rat id-digriet taghha ta' 4 ta' Gunju 2003 fejn laqghet it-talba ta' Pawla Sultana u ohrajn sabiex jintervjenu fil-kawza *in statu et terminis* .

Rat l-atti l-ohra tal-kawza, inkluzi d-dokumenti esebiti .

Ikkunsidrat :

Illi l-fatti nkontestati fil-qosor li taw lok ghal din il-kawza kienu s-segwenti . L-atturi, allura minuri, fil-11 ta' Settembru 1993, waqt illi kienu qeghdin jilghabu f'razzett abbandunat fir-Rabat, Ghawdex, sabu somma sostanzjali ta' flus fi xkora . Dawn korrettement marru biha l-Ghassa tal-Pulizju u billi kien hemm suspett illi dawn il-flus seta' kellhom x'jaqsmu ma xi reat, kienet infethet inkjesta magisterjali . Sadanittant il-flus gew depozitati fir-Registru tal-Qorti t'Ghawdex . L-inkjesta relattiva giet maghluqa fit-3 ta' Ottubru 1995, imma l-ezitu taghha kien inkonklussiv .

Minnufih l-atturi bdew jaghmlu diversi tentattivi, anke permezz ta' ittri ufficcjali sabiex il-Kummissarju tal-Pulizija jirtira l-flus mill-Qorti u jaghmel il-proceduri kontemplati mill-ligi sabiex johrog d-debiti avvizi fil-Gazzetta tal-Gvern u wara, jekk s-sid jibqa' ma jinstabx, il-flus jigu mghoddija lil min kien sabhom . Imma ghal xi raguni jew ohra l-konvenut Kummissarju tal-Pulizja baqa' inadempjenti, minkejja illi sakemm giet ipprezentata l-kawza prezenti, lahqu ghaddew seba' (7) snin shah .

Jidher illi wara li kienet inghalqet l-inkjesta relattiva ghal din is-sejba ta' flus, kien hemm xi nies li ressqu quddiem il-magistrat inkwirenti xi pretensjonijiet dwar il-proprjeta' ta' dawn il-flus, imma l-istess magistrat astjena milli jiehu konjizzjoni ta' dawn il-pretensjonijiet billi t-talbiet maghmula kienu ta' kompentenza ta' Qorti kontenzjuza . Infatti jirrizulta illi l-istess rikorrenti, minhabba dawn il-pretensjonijiet taghhom, talbu u gew ammessi sabiex jintervjenu f'din il-kawza *in statu et terminis.*

Madankollu l-unika raguni ghaliex il-konvenut Kumissarju tal-Pulizija jghid illi ma agixxiex fil-konfront tat-talbiet ta’ l-atturi, kienet ghax kien hemm l-inkjesta magisterjali pendenti . Imma l-Qorti ma tistghax tifhem kif wara dan iz-zmien kollu li nghalqet din l-inkjesta l-Kummissarju xorta wahda jibqa’ jgib l-istess raguni .

Il-konvenut Avukat Generali jidher illi ddahhal f’din il-kawza semplicement ghax il-process verbal ta’ l-inkjesta relattiva spicca ghandu, filwaqt illi l-konvenut l-iehor Regisratur tal-Qorti, kellu l-flus in kwistjoni depozitati ghandu . F’dan ir-rigward ma jidher ghalhekk illi tista’ tigi mputata ebda htija fuqhom ghal dan id-dewmien biex isir dak mitlub mill-atturi .

Hadd mill-kontendenti ma xehed f’din il-kawza, imma mill-istess kontenut ta’ n-noti ta’ l-eccezzjonijiet, jidher illi hemm qbil illi t-talbiet attrici in kwantu l-konvenut Kumissarju tal-Pulizja jirtira l-flus in kwistjoni mir-registru tal-Qorti t’Ghawdex, sabiex ikunu jistghu isiru l-proceduri kontemplati mil-ligi fl-artikolu 564 tal-Kap.16, ghandhom jigu milquha .

Ghaldaqstant il-Qorti tiddecidi din il-kawza billi tilqa’ t-talbiet attrici u :

1. tawtorizza u tordna lill-Kumissarju tal-Pulizija li jirtira l-flus depozitati ghand ir-Registratur tal-Qorti ammontanti ghal sitt elef seba’ mija u tletin lira maltija (LM6730) li kienu gew depozitati ghandu fil-kors tal-inkjesta magisterjali ‘Dwar is-sejba ta’somma ta’ flus li jammontaw ghal Lm6730 f’razzett abbandonat fi Triq il-Belliegha, Victoria”; u

2. tordna lil-istess Kumissarju li, wara li jiddepozita dawn il-flus f’bank johorgu l-avvizi kontemplati bl-artikolu 564 tal-Kodici Civili sabiex jekk is-sid tal-flus ma jigix ghalihom fi zmien tlett xhur, jaghti l-istess flus lill-atturi bhala dawk li jkollhom id-dritt ghalihom .

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ zewg ittri ufficcjali tat-18 ta’ Awissu 1995 u tat-18 ta’ Frar 2002 kontra l-konvenut

Kummissarju tal-Pulizija; apprti dawk tal-intervenuti fil-kawza li jibqghu a karigu taghhom . .

---------------------------------TMIEM---------------------------------